MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2014

Appell Civili Numru. 510/2009/1

**MOHAMMED DAU AKAARI**

**Vs**

**KEVIN LUNGARO MIFSUD u RACHIDA FARHANI**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza tat-03 ta' Mejju 2013, fejn il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

*"Il-Qorti:-*

*Rat l-avviz ippresentat mir-rikorrent fis 16 ta' Dicembru 2009 fejn huwa talab lill-Qorti tikkundanna lill-intimati Rachida Farhani u Kevin Lungaro Mifsud ihallsuh is-somma ta' hamest elef u sitt mitt Euro (€5,600) rappresentati ammont misluf lill-istess intimati 'brevi manu' u qatt imradda lura mill-istess intimati flimkien mal-ispejjez u imghaxijiet legali mid-data tan-notifika.*

*Rat ir-risposta ta' Kevin Lungaro Mifsud ippresentata fil 11 ta' Jannar 2010 fejn sahaq illi dak mitlub huwa infondat fil-fatt u fid-dritt peress illi l-attur irid jipprova illi ghamel self brevi manu lilu stess.*

*Rat ir-risposta ta' Rachida Farhani ippresentata fit 21 ta' Jannar 2010 fejn kien hemm inkluz ukoll risposta ghal Kevin Lungaro Mifsud ukoll, f'liema riposta, l-konvenut Kevin Lungaro Mifsud qieghed jghid li ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju peress illi mhuwiex il-legittimu kontradittur filwaqt illi l-konvenuta Rachida Farhani tghid illi r-rikorrent qatt ma ghaddhielha xi flejjes b'titolu ta' self kif minnu allegat.*

*Rat l-affidavit tar-rikorrent* ***Mohammed Dau Akaari*** *ippresentat fl 10 ta' Novembru 2010 kif ukoll id-dokumenti minnu esebiti.*

*Rat l-affvdait ta'* ***Aussama Benwur*** *ippresentat fl 10 ta' Novembru 2010.*

*Rat illi fit 2 ta' Marzu 2011 xehed darbtejn* ***Nazzareno Bonello*** *sid tal-hanut 'Chaplin's Pub Diner' kif ukoll* ***Romwald Attard****, rappresentant tal-Bank of Valletta plc.*

*Semghet ix-xhieda ta'* ***Nazzareno Bonello*** *kif ukoll* ***Rachida Farhani*** *in subizzjoni fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 2011.*

*Rat illi fis 7 ta' Ottubru 2011 ir-rikorrent iddikjara illi ma kienx fadallu aktar provi x'jippresenta.*

*Rat illi fit 18 ta' Novembru 2011* ***Rachida Farhani*** *ippresentat l-affidavit taghha.*

*Semghet ix-xhieda ta' **Mohammed Dau Akaari** in kontro ezami moghtija fit 23 ta' Marzu 2012.*

*Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet moghtija fl-10 ta' Dicembru 2012, wara liema data il-kawza thalliet ghas-sentenza.*

***Ikkunsidrat***

*Illi l-kawza odjerna tikkoncerna allegat self ta' zewgt pagamenti, wiehed ta' sitt mitt Euro u iehor ta' hamest elef Euro, mir-rikorrenti Mohammed Dau Akaari lill Rachida Farhani, li dak iz-zmien kienet mizzewga ma' Kevin Lungaro Mifsud.*

*Illi l-intimat Kevin Lungaro Mifsud ippresenta zewgt eccezzjonijiet minn zewgt avukati differenti, it-tieni eccezzjonijiet ippresentati mill-istess avukati illi jippatrocinaw lill konvenuta l-ohra Rachida Farhani.*

*Illi jirrizulta li l-intimata Rashida Farhani izzewget lill Kevin Lungaro Mifsud fid 9 ta' Jannar 2008 izda ftit wara li zzewgu ma baqghux jghixu flimkien u sseparaw de facto. Illi ghalhekk jirrizulta li dina kienet ir-raguni ghaliex r-rikorrent mexxa l-proceduri odjerni kontra l-intimat Kevin Lungaro Mifsud, kif, del resto, ammess minnu stess ukoll.*

*Illi, skond ix-xhieda moghtija mir-rikorrent, huwa kien ilu jaf lill-intimata Rachida Farhani minn madwar sena qabel ma kriet il-hanut 'Chaplin's Pub & Diner' gewwa Qawra f'Novembru 2008 u kien jghinha finanzjarjament. Huwa stqarr illi f'Jannar 2008, huwa ghaddhiela €600 ghal bzonnijiet personali taghha.*

*Illi sussegwentement, jidher illi l-intimata Farhani, skond ir-rikorrent, riedet tikri hanut sabiex, dejjem skond ir-rikorrent "tibda hajja gdida", u ghalhekk huwa ghenha billi taha cheque **<u>vojt</u>** bl-ammont ta' €5,000, liema cheque kellu jinghadda lis-sid tal-hanut, Nazzareno Bonello, bhala rigal talli hadet il-kirja. Ir-rikorrent ma kienx presenti ghall-iffirmar tal-*

*ftehim tal-kirja da parte tal-intimata Farhani li sar f'Novembru 2008, kif del resto kkonfermat mis-sid Bonello stess.*

*Illi, skond ir-rikorrent, Farhani kienet qablet illi l-ammont kellu jithallas lura lir-rikorrent sas-sajf tas-sena ta' wara ossija 2009. Madanakollu, dejjem skond ir-rikorrenti, il-pagament baqa ma sarx, ghalkemm hija kienet dejjem tghid li kienet ser thallsu. Sussegwentement, f'Gunju 2009, ir-rikorrent baghat habib tieghu, Aussama Benwur, sabiex ikellimha fuq dawna l-flejjes, u allegatament qaltlu li kienet ser thallsu imma riet ftit zmien.*

*Illi sfortunatament, skond ir-rikorrent, il-pagament baqa' qatt ma sar, u ghalhekk f'Dicembru 2009 huwa nieda l-proceduri odjerni.*

*Illi, minn naha l-ohra, il-verzjoni moghtija mill-intimata Farhani, filwaqt illi tikkorrobora certi fatti li qal ir-rikorrent, tikkontrasta ferm mal-verzjoni moghtija mill-istess rikorrent.*

*Illi di fatti, l-intimata Farhani tistqarr illi hija kienet ltaqghet mar-rikorrenti fis-sajf tas-sena 2008 meta hija kienet tahdem is-Sea Bank Hotel, fejn hija bdiet relazzjoni intima mar-rikorrenti. Fuq insistenza tar-rikorrent, hija marret tghix mieghu fil-flat tieghu ghalkemm kellha post fejn toqghod hi. Fir-relazzjoni taghhom, ir-rikorrent beda jkun "protettiv b'mod aggressiv" u kien jghir ghal-intimata Fahira hafna, tant illi riedha tieqaf mix-xoghol.*

*Illi sussegwentement, peress illi r-rikorrent riedha tahdem fil-vicinanzi tieghu, huwa qalilha biex tikri il-hanut 'Chaplin's Pub & Diner' gewwa l-Qawra illi jinstab taht il-flats illi fih kienu qed jghixu dak iz-zmien. Peress illi l-intimata ma kellhiex minn fejn thallas ghal tali hanut, huwa, minn jeddu, ghadda cheque vojt fl-ammont ta' €5,000 sabiex jithallas ir-rigal lis-sid Nazzareno Bonello, u dana sabiex ir-rikorrent jassikura li l-intimata Farhani tibda tahdem vicin tieghu.*

*Illi jirrizulta li f'Marzu 2009, ir-relazzjoni bejn ir-rikorrent u l-intimata Farhani intemmet, izda r-rikorrent baqa' jiffrekwenta l-hanut li kienet qed tiggestixxi l-intimata, u beda jaghmel diversi atti ta' vendikazzjoni tali illi,*

*kif stqarret l-istess intimata "hajti ghamilhieli mizerja", tant illi sahansitra, darba minnhom, kellha titlob l-intervent tal-Puluzija.*

*Illi l-intimata tistqarr illi mument minnhom, habib tar-rikorrenti, Aussam Benwur, kien mar il-hanut sabiex jara jekk tridx terggha tmur tghix mar-rikorrent, izda qatt ma semma flus. Finalment, l-intimata Farhani waqfet topera mill-hanut 'Chaplin's Pub & Diner' f'Settembru 2010.*

***Ikkunsidrat***

*Illi, rinfaccjata minn tali verzjonjiet opposti, il-Qorti ikollha bilfors tezamina x-xhieda moghtija miz-zewgt partijiet taht l-ottika ta' kredibilita' o meno taghhom. Ghal dan il-ghan, ix-xhieda ta' Nazzareno Bonello, hija xhieda certament indipendenti u kredibbli, peress illi ma ghandu ebda affiljazzjoni ma parti jew ohra, u ghalhekk hija ta' importanza kbira.*

*Illi, fix-xhieda tieghu, Nazzareno Bonello stqarr illi huwa kien ilu jaf lir-rikorrent ghal ghaxar snin, peress illi kien joqghod fil-penthouse tal-blokka fejn kellu l-hanut 'Chaplin's Pub & Diner'. Huwa stqarr ukoll illi kien jaf li, ghal xi zmien, l-intimata Farhani ghamlet zmien tghix mar-rikorrenti, izda ma kienx jaf jekk kienx hemm relazzjoni jew le bejn il-partijiet, ghax ma kienx jaf x'arrangamenti kellhom bejniethom.*

*Illi tali xhieda taqbel mal-verzjoni moghtija mill-intimata Farhani fejn stqarret illi kellha relazzjoni mar-rikorrent u kienet qed tghix mieghu, filwaqt illi tikkontrasta totalment mal-verzjoni moghtija mir-rikorrent stess.*

*Illi fil-fatt, fix-xhieda moghtija mir-rikorrent quddiem il-Qorti sedenti, ir-rikorrent sahaq, fuq domanda jekk kienux jghixu flimkien, illi "kienet tigi d-dar tahsilli, nsajjru flimkien, nohorgu flimkien imma ma kienetx tghix ieghi id-dar ghax hi kienet mara mizzewga". Illi tali asserzjonijiet, ghalkemm minnhom innifishom accettabli, certament jitfghu dell fuq il-kredibilita' tar-rikorrent tenut kont tax-xhieda opposta fuq imsemmija kif ukoll tal fatt illi hija inverosimili illi persuna tqatta' l-gurnata kollha mieghek fid-dar tieghek u taghmel kollox maghha imma mbghad ma ghandhekkx relazzjoni maghha.*

*Illi, madanakollu, il-kredibilita' tar-rikorrent hija ferm aktar imtappna meta wiehed jikkonsidra dak li ntqal dwar kif kellhom jinabru il-flejjes dovuti lilu. Di fatti, ir-rikorrent jishaq illi l-flejjes minnu allegatament mislufa f'Novembru 2008 kellhom jintraddu lura lilu wara is-sajf ta' wara, jigifieri fl-ahhar tas-sjaf tas-sena 2009. Madanakollu, fl-affidavit tieghu, huwa stqarr illi beda jitlob il-flus minghand l-intimata u kienet dejjem tghidlu illi kienet ser thallsu imbghad, eventwalment qaltlu li ma kienetx ser thallsu. Kien ghalhekk, skond ir-rikorrent, illi f'Gunju 2009, huwa baghat habib tieghu sabiex jigbor il-flus minghandha, u allegament, skond tali xhud, ossija Aussama Benwur, hi qaltlu illi kienet ser thallas.*

***Ikkunsidrat***

*Il-Qorti ma tistax, f'dana l-istadju, ma tistaqsix ghaliex, la darba kien hemm ftehim illi l-flejjes kellhom allegatament jitraddulu lura fl-ahhar tas-sajf 2009, r-rikorrent beda jigri wara l-intimata ghal flus minn ferm qabel u wasal sabiex, sahansitra, f'<u>Gunju 2009</u>, jinghat habib tieghu biex jghidilha biex thallsu l-flus.*

*Il-Qorti, fuq dana l-ispunt, tosserva illi, skond l-intimata Farhani, ir-relazzjoni ta' bejniethom kienet spiccat f'Marzu 2009, haga li naturalment ir-rikorrent qatt ma kien ser jikkonferma peress illi, la darba Farhani kienet "mara mizzewga", ma kienx ser ikollu relazzjoni maghha, kif donnu ta' x'jifhem lill dina l-Qorti.*

*Illi dana kollu qieghed jinghad ghax, il-Qorti hija konvinta li dak li attwalment gara ma kienx illi r-rikorrent kien qieghed jigri wara l-intimata Farhani biex thallsu il-flus illi huwa allegatament sellifha, izda r-rikorrent kien qieghed jigri warajha sabiex dina terggha tibda r-relazzjoni mieghu, tant illi baghat ukoll habib tieghu biex jikkonviciha biex taghmel dan.*

*Illi, meta eventwalment ra illi ma kien hemm ebda mod sabiex jikkonvinciha terggha tibda r-relazzjoni mieghu, huwa ghadda biex jheddidha bil-flus u f'Dicembru 2009, filwaqt illi l-intimata Farhani kienet ghadha tahdem fil-hanut, u ghalhekk kienet ghadha hdejh kulljum, huwa nieda l-proceduri odjerni biex jigbor il-flus.*

*Il-Qorti hija ukoll konvinta li kieku, f'xi stadju waqt dawna l-proceduri, l-intimata regghet lura r-relazzjoni mar-rikorrent, huwa kien minnufih jwaqqaf il-proceduri odjerni, peress illi huwa car li dik kienet l-unika raguni ghaliex tali proceduri inbdew.*

*Il-Qorti tosserva ukoll illi ma ngiebet ebda prova da parte tar-rikorrent illi huwa attwalment ghadda il-flejjes minnu allegati lir-rikorrenti u dana peress illi, fil kaz tas-sitt mitt euro, ma ngiebet ebda prova filwaqt illi fil-kaz tal-hamest elef Euro, l-unika prova hija cheque tieghu izda intestat f'isem Nazzareno Bonello.*

*Il-Qorti ma tistax ma tinnutax illi kieku attwalment r-rikorrent silef 'brevi manu' ammont daqstant konsiderevoli ta' flus, huwa certament kien jiehu hsieb illi, b'xi mod jew iehor, tali self jigi kkonfermat bil-kitba, u dana, wara kollox, ghax kif stqarr ir-rikorrent stess "in-nies Gharab qatt ma jaghtux rigal u jitolbuh lura." L-ahjar mod kif wiehed jista jassikura prova li flus gew attwalment mislufa huwa permezz ta' xi haga bil-miktub, anke semplici skrittura bejn il-partijiet, izda r-rikorrent qatt ma hass il-htiega li jaghmel dan.*

*Illi tali nuqqas ta' skrittura huwa prova ohra li tali flejjes, attwalment, ma kienux mislufa, izda kienu moghtija bhala rigal lis-sid tal-hanut 'Chaplin's Pub & Diner' biex l-intimata Farhani, li maghha r-rikorrent kellu relazzjoni, tibda tahdem vicin tieghu u taht il-kontrol tieghu.*

*Illi, bhalma sahqu diversi Qrati fi-passatt, il-kredibilita' tax-xhieda hija krucjali meta Qorti tkun qieghda tgharbel il-bilanc ta' probabbilta' u jekk din ghandhiex ixxaqleb lejn naha jew ohra f'kaz ta' nuqqas ta' provi dokumentarji.*

*Illi fil-kaz in ezami, il-kredibbilta' tax-xhieda ta' Rachida Farhani, abbinata ma' dik imparzjali izda korroborattiva ta' Nazzareno Bonello, tmur ferm oltre dak mehtieg biex il-bilanc tal-probabilta' jxaqleb lejn l-intimata*

*Rachida Farhani, liema bilanc imbghad jixxaqleb totalment lejn l-intimata meta r-rikorrent jibqa jippersisti jghid illi ma kellux relazzjoni mal-intimata Farhani peress illi kienet mizzewwga filwaqt illi l-provi prodotti juri mod iehor.*

*Illi, finalment, il-Qorti taghmel referenza zghira ghall-eccezzjoni imressqa minn Kevin Lungaro Mifsud, l-assenti fil-kawza odjerna, fejn jghid illi huwa ma ghandu jhallas xejn peress illi qatt ma kkontratta hu izda, semmai l-intimata Farhani. Il-Qorti tinnota illi tali argument huwa wiehed fallaci peress illi, la darba huwa kien mizzewweg mal-intimata Rachida fil-mument illi allegatament isselfulha l-flus, kwalsiasi dejn li ghalih tidhol ghalih martu jassumieh huwa wkoll.*

***Konkluzjoni***

*Il-Qorti*

*Wara illi rat il-provi kollha prodotti quddiemha u rat ix-xhieda moghtija kif ukoll semghet ix-xhieda tal-partjiet.*

*Tghaddi biex taqta u tiddeciedi billi, filwaqt illi*

***Tichad** l-ewwel eccezzjoni tal-intimati maghmulha fil 21 ta' Jannar 2010 fejn Kevin Lungaro Mifsud eccepixxa illi ma huwiex il-legittimu kontradittur,*

***Tilqa** l-eccezzjonijet l-ohra tal-intimati u ghalhekk*

***Tichad** it-talba attrici*

*Bl-ispejjez kollha kontra tieghu".*

Bl-appell minnu introdott fil-konfront ta' din is-sentenza s-soċjetà attrici appellanti ressqet aggravvju wiehed li essenzjalment idur madwar l-apprezzament zbaljat li ghamlet l-Ewwel Qorti tal-provi migjuba quddiemha u konsegwentement l-applikazzjoni zbaljata tal-ligi ghall-atti probatorji li ghalhekk jaghmel is-sentenza ta'l-Ewwel Qorti wahda inattendibbli.

Illi l-appellanti jishaq illi huwa ressaq provi konvincenti u konklussivi illi verament huwa kien ghadda is-somma ta' €5600 lill-intimata Rachida Farhani li

fiz-zmien in kwistjoni kienet mizzewwga lill-intimat l-iehor Kevin Lungaro Mifsud, tant illi Farhani stess qatt ma innegat illi dawn il-flus gew mghoddija lilha izda tghid illi dawn kienu bhala donazzjoni u mhux b'self. Illi ghalhekk l-Ewwel Qorti ma messha qatt tat piz lix-xhieda ta'l-intimata minghajr ma ressqet l-icken prova in sostenn ta' dak li allegat, filwaqt illi l-intimat l-iehor qatt ma xehed f'dawn il-proceduri. Kienet l-appellata li kellha tipprova illi l-flus gew moghtija lilha b'rigal u mhux vice-versa tant illi kemm il-ligi kif ukoll il-gurisprudenza tishaq illi min jallega donazzjoni ghandu l-obbligu li jipprova l-*animus donandi*.

Inoltre l-Ewwel Qorti erronjament ikkonkludiet illi l-fatt illi l-flus gew mghoddija minghajr ebda formalita' kien ifisser illi dawn inghataw bhala rigal billi kuntrarjament skond il-ligi huwa fl-istitut tad-donazzjoni illi l-artikolu 1753(1) tal-Kodici Civili jirrikejdi l-att pubbliku hlief meta s-somma jew il-valur tad-donazzjoni ikun wiehed zghir, u ma tirrikjedi l-ebda formalita ghas-self *brevi manu*.

Finalment l-appellanti jilmenta illi s-sentenza appellata hija ibbazata fuq serje ta' asserzjonijiet li mhumiex sorretti mill-provi bhal meta l-Ewwel Qorti tikkonkludi illi r-rikorrenti istitwixxa dawn il-proceduri u ippretenda illi l-intimata tirritornalu l-flus li kien ghaddielha meta r-relazzjoni intima ta' bejniethom intemmet u li kieku l-intimata accettatu lura f'hajjitha hu kien minnufih iwaqqaf dawn il-proceduri.

Illi din il-Qorti ma tistax hlief taghti ragun lill-appellanti ghall-ilmenti imqajjma minnu fir-rigward tas-sentenza impunjata. Dana ghaliex huwa minnu illi fid-decizjoni taghha l-Ewwel Qorti sfortunatament waslet ghal konkluzjonijiet taghha ghar-rigward ta'l-*animus* li kienet tirrenja bejn dawn it-tnejn minn nies minn kongetturi u mhux mill-provi li kien hemm fl-atti.

Illi jekk wiehed ihares lejn l-atti probatorji isib illi z-zewg intimati cahhdu illi huma kellhom iroddu xi flus lura lir-rikorrenti, izda l-unika prova li iressqu in sostenn ta'l-eccezzjonijiet taghhom hija x-xhieda ta'l-intimata stess Rashida Farhani li sar permezz tal-procedura ta'l-affidavit fejn hija tammetti illi kienet hadet b'kera bar f'Bugibba u li r-rikorrenti kien ghaddielha permezz ta' cekk l-ammont ta' €5000 bhala rigal, liema ammont hija, imbaghad ghaddiet lis-sid certu Nazzareno Bonello. Dana huwa ikkonfermat minn Nazzarno Bonello innifsu li ighid li wella l-hanut lil Farhani li hallsitu ir-rigal permezz ta' cekk

mahrug mill-kont tar-rikorrenti. Hija issostni illi l-appellanti ghaddielha dawn il-flus minn jeddu u mhux ghax talbithomu hi, izda prova tal-*animus donandi* tar-rikorrenti hija ma tressaqx. Minn naha tieghu ma hemmx dubbju illi r-rikorrenti irnexxielu jipprova illi huwa ghadda somma flus lill-intimata, tant illi hija dan ma tichdux. Minn hawn ghalhekk sehhet l-inverzjoni tal-provi billi issa hija l-intimata li jenhtiegilha tipprova illi l-flus ma kenux gew mislufa lilha izda inghatawlha bhala rigal.

Din il-Qorti tqies illi l-avvenimenti li sawwru l-ghoti ta’ dawn il-flus huma kemmxejn irrilevanti ghar-risoluzzjoni ta’ din il-vertenza. Dak illi huwa rilevanti huwa il-fatt ippruvat illi l-flus ghaddew minn ghand ir-rikorrenti ghal ghand l-intimata Ferhani u l-*animu* li bih inghataw. Billi ghalhekk kien hemm kunflitt fil-provi ghar-rigward dan il-punt, l-Ewwel Qorti ma setatx tistrieh fuq kongetturi, izda biss fuq dak li kien johrog mill-atti, mill-ligi u il-gurisprudenza.

Illi ghalhekk apparti l-att materjali, d-donazzjoni tirrikjedi wkoll bhala element essenzjali taghha l-aspett soggettiv, ossija l-prova tal- animu tal-liberalita`. Kif ritenut fis-sentenza fl-ismijiet “Carmela Pace -vs- Rosaria Caruana et”, Prim’Awla, Qorti Civili, 17 ta’ Ottubru 1949 (Kollez Vol XXXIII pII p416):

“***ghall-effikacja guridika tad-donazzjoni huwa mehtieg (1) li l-oggett mobili moghtija b’rigal ikun tenwi u proporzjonat ghall- kondizzjonijiet ekonomici tad-donanti; (2) li r-rigal ikun akkompanjat mit-tradizzjoni ta’ l-oggett donat, u b’mod li dan jghaddi immedjatament u rrevokabilment f’idejn id-donatarju; u (3) li d-donanti jkollu effettivament il-volonta li jiddona u li jizvesti ruhu immedjatament u irrevokabilment mill-oggett li jkun irid jiddona***”.

Il-kwestjoni hawn involuta trid allura tigi ezaminata fl- ambitu ta’ dawn l-elementi, in partikolari l-element intenzjonali specifiku ta’ l-allegata donazzjoni.

Qabel kull konsiderazzjoni tal-fatti processwali tajjeb li jigi sottolinejat illi “***min jallega d-donazzjoni ghandu l-obbligu li jipprovaha tant jekk tkun donazzjoni propria kemm jekk tkun donazzjoni rimuneratorja, ossija mproprja, kemm jekk tkun donazzjoni mista. Fi kwalunkwe kaz sabiex ikun hemm dikjarazzjoni gudizzjarja li sehhet id-donazzjoni jrid ikun hemm provi cari … …***” (Kollez Vol XXXII pII p472).

F’dan il-kaz il-fatti ma jidhrux li jistghu jwasslu ghall-prova tant cara, inekwivoka u konklussiva tad-donazzjoni. Ma jistax jinghad illi hemm xi prova in atti li tindika l-ispirtu ta’ liberalita’ tar-rikorrenti. Issa f’dan il-kaz minn dak rakkontat mill-attur appellanti, kif sostenut mix-xhieda tieghu, il-konnoxxjenza fih, fil-mument rilevanti tal-ghoti tal-flus, illi hu kien qed jaghmel kontribuzzjoni patrimonjali gratuwita minn hwejgu lill-appellata ma tirrizultax. Ghall-anqas ma hemmx prova illi r-rikorrenti kellu f’mohhu illi dan ir-rigal jew ghotja kien qed jigi koncess lill-intimata “ghal dejjem”, kif hekk irid l-Artikolu 1737(2) tal-Kodici Civili. Minn naha l-ohra l-prova imressqa mill-intimata hija wahda ekwivoka u inkonklussiva ta’ dak minnha sostnut tant ghalhekk illi t-tezi taghha ma tista’ qatt issib konfort la fattwalment u lanqas legalment.

Illi l-fattispecje tas-sentenza iccitata mill-appellanti fir-rikors ta’l-appell tieghu jittalljaw kwazi perfettament mal-kaz in dizamina fejn gie deciz:

***“Hu car li f’sitwazzjonijiet bhal dawn fejn ikun ammess illi l-flus ikunu gew mghoddija taht xi titolu lill-konvenut u fejn ikun hemm kunflitt dwar taht liema titolu jkunu gew hekk trasferiti, multo magis meta l-konflitt ikun dwar jekk it-titolu jkunx wiehed onoruz ossija gratuwitu, kull dubbju fl-interpretazzjoni tal-provi kellu jmur favur min ikun effettivament avanza l-flus. Dana fis-sens illi kellha tigi favorita l-interpretazzjoni li kienet inqas gravuza ghalih. F’dan il-kaz hu manifest illi wiehed kellu allura jtendi lejn il-prova tas-self u mhux lejn il-prova tal-liberalita’ tramite donazzjoni. Titotlu ta’ trasferiment dan li kien jirrikjedi prova ferm aktar rigoruza u certa minn dik rikjesta fil-kaz tat-titolu ta’ self.*”** **(Margaret Woodall vs Anthony Rapa deciza fid-19 ta’ Novembru 2001 App.Inf.)**

Ghaldaqstant il-Qorti tqies illi l-appellanti ghandu ragun u li ghalhekk l-aggravvji tieghu jisthoqqu akkoljiment. Illi jigi rilevat illi l-intimati appellati naqqsu milli iressqu r-risposta taghhom ghal dan l-appell ghalkemm l-intimata appellata Farhani dehret ghas-smigh ta’l-appell u ressqet is-sottomissjonijiet taghha verbalment.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tilqa’l-aggravvji ta’l-appellanti, kwindi tghaddi biex tirriforma is-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fejn giet michuda l-ewwel eccezzjoni ta’l-intimati li minnha ma gie interpost l-ebda appell, tirrevokaha ghal bqija. Konsegwentement tghaddi beix tilqa’ it-talba tar-rikorrenti appellanti u tikkundanna lill-intimati ihallsu solidalment bejniethom

s-somma ta’ €5600 lir-rikorrenti, bl-imghaxijiet dekoribbli mill-20 ta’ Jannar 2010.

L-ispejjez taz-zewg istanzi ghandhom jigu sopportati mill-intimati solidalment bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------